MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 279/2005/1

**Raphael sive Rudolph Azzopardi**

**v.**

**Graziella Azzopardi; l-Avukat Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'digriet tas-7 ta' Settembru 2005 nhatru bħala kuraturi nominati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Redmeer li twieled fil-21 ta' Lulju, 2003; u Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan huwa appell mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku minn sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja tas-27 ta' Jannar 2006 dwar azzjoni ta' *denegata paternita`.*

Il-fatti, mhux kontestati, li taw lok ghal din il-vertenza huma dawn:

1. Fit-3 ta' Diċembru, 1999, l-attur izzewweg lill-konvenuta Graziella Azzopardi.
2. Wara z-zwieg l-attur u l-konvenuta Graziella Azzopardi marru joqoghdu go dar adjacenti dik ta' oht l-attur Sylvana u zewgha Joseph Debono.
3. Wara xi xhur miz-zwieg, l-attur jghid li beda jinnota li martu kienet bdiet trabbi kunfidenzi kbar mar-ragel t'ohtu. Peress li l-bjut tad-djar taghhom kienu jmissu ma' xulxin, hu jallega li kienu jitilghu fuq il-bejt u jqattghu sieghat shah ipacpcu bejniethom, u dan kien jigri kwazi kuljum[1].
4. Oht l-attur kienet ukoll qed tiggieled ma' zewgha Joseph minhabba dawn l-allegati kunfidenzi li hu kien qed jaghti lill-konvenuta Graziella Azzopardi, mart l-attur.
5. Fil-21 ta' Lulju, 2003, twieled il-minuri Redmeer.
6. L-attur jghid li hu kellu suspett li t-tifel ma kienx tieghu izda tar-ragel ta'ohtu, u talab lil martu biex jaghmlu t-testijiet tad-DNA fuq it-tarbija, izda hija irrifjutat.
7. Fl-1 ta' Awissu 2003, l-attur irregistra t-tarbija fir-Registru Pubbliku, u rregistraha bhala t-tifel tieghu[2].
8. L-attur u l-konvenuta bdew irabbu lit-tifel bhala familja, ghalkemm l-attur jallega li l-kunfidenzi bejn martu u r-ragel t'ohtu komplew.
9. Eventwalment, il-hajja matrimonjali taz-zewg familji ddeterjorat u l-attur jallega li martu ammettiet li kellha relazzjoni mar-ragel t'ohtu, u l-attur beda proceduri ghal separazzjoni. Fl-affidavit taghha, Sylvana Debono, oht l-attur, ukoll tallega li zewgha ammetta li kellu relazzjoni

[1] Ara affidavit ta' l-attur a fol. 31 tal-process.
[2] Ara Dok A anness man-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 38 tal-process.

ma’ mart l-attur u huma wkoll bdew proceduri ghal separazzjoni[3].
10. L-attur jallega wkoll li waqt il-proceduri ta’ separazzjoni sar jaf li martu mhux biss kellha kunfidenzi mar-ragel t’ohtu, izda li meta kienet tahdem kellha kunfidenzi ukoll mas-superjuri taghha.
11. L-attur qed jallega li l-minuri Redmeer m’huwiex ibnu, hekk kif skopra mir-rizultat tad-DNA, datat 15 ta’ Lulju 2005[4].
12. L-attur ma jridx li jibqa’ jigi ndikat bhala l-missier tal-minuri Redmeer fir-Registru Pubbliku.

Fic-citazzjoni tieghu, l-attur talab lill-ewwel Qorti li:

1) Tiddikjara li l-minuri Redmeer li twieled fil-21 ta’ Lulju, 2003 m’huwiex il-wild naturali ta’ l-attur; u

2) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri Redmeer li twieled fil-21 ta’ Lulju, 2003, fis-sens li jitnehhew il-konnotati kollha tal-attur mill-istess Att tat-Twelid.

Il-konvenuti kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar u il-P.L. Veronica Rossignaud nominati b’digriet tas-7 ta’ Settembru 2005 sabiex jirraprezentaw lill-minuri Redeemer, eccepew[5]:

1. Illi f’dan l-istadju m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku eccepixxa[6]:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta sakemm ma tigix ippruvata li l-azzjoni giet intavolata ai termini tal-paragrafu (c) ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

---

[3] Ara affidavit ta’ Sylvana Debono a fol. 36 tal-process.
[4] Dok C anness mac-citazzjoni.
[5] Fol. 28.
[6] Fol. 38.

2. Illi jirriżulta li kien l-attur stess Raphael Azzopardi li ghamel in-notifikazzjonijiet tat-twelid tal-minuri in kwistjoni;

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jigu milqugha, jehtieg illi l-attur jispecifika jekk hux qed jitlob li taht il-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar il-missier naturali ghandux jitnizzel *"missier mhux maghruf"* jew id-dettalji ta' l-allegat missier naturali jekk dana huwa maghruf. Inoltre, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem *"the said"* jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenuta Graziella Schembri gia` Azzopardi ipprezentat nota li permezz taghha ammettiet t-talbiet attrici hekk kif dedotti[7].

**Is-sentenza appellata**

Il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, iddisponiet mill-vertenza b'sentenza tas-27 ta' Jannar 2006, li fiha qatghet u iddecidiet l-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-

[7] Fol. 47.

konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u fid-dawl ta’ l-ammissjoni tal-konvenuta laqghet t-talbiet ta’ l-attur u ghalhekk:

(1) iddikjarat li l-minuri Redmeer li twieled fil-21 ta’ Lulju, 2003 m’huwiex il-wild naturali ta’ l-attur;
(2) ordnat lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex inehhi l-konnotati ta’ l-attur mic-certifikat tat-twelid numru 2632 tas-sena 2003.

Il-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuta. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

“Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta fiz-zmien li kienet tghix mieghu bhala martu ma kinitx tieghu, kif haseb dak iz-zmien izda ta’ haddiehor. Naturalment id-deposizzjoni tax-xhieda estranji ma jistghux ikunu ta’ wisq rilevanza f’kaz simili billi l-unici persuni li jafu x’gara fil-fatt kienu l-partijiet. F’dan il-kaz apparti l-ammissjoni tal-konvenuta hemm ir-rizultanzi xjentifici illi jindikaw minghajr dubbju li l-attur ma jistax ikun missier it-tarbija.

“Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deciza fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*““Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ... fl-istess waqt li f’dak iz-zmien ma kellhiex x’taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti ... irriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost ohrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili), mehuda ma dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f’mohh il-Qorti dwar il-paternita` tat-tarbija.”*

“Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f’dan il-kawza *multa magis* minhabba t-test tad-DNA. L-uniku ostakolu

biex din il-kawza tirnexxi hija l-ewwel eccezjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe’ li l-kawza kellha tigi ntavolata mill-attur fit-terminu preskritt mill-Artikolu 73(c) tal-Kapitolu 16 u cioe fiz-zmien sitt xhur *minn dakinhar li jikxef il-qerq jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.* In effetti din hija kawza ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 u l-artikolu msemmi jimponi t-terminu ta’ dekadenza ta’ sitt xhur li jibda jghodd skond il-kaz. Is-sub-artikoli (a) u (b) jghidu li t-terminu ta’ sitt xhur jibda jghaddi mid-data tat-twelid tat-tarbija jekk l-attur ikun presenti Malta u mid-data li jkun gie lura Malta jekk ma jkunx. Billi f’dan il-kaz it-tifel twieled fl-2003 is-sitt xhur kienu ghaddew fil-wisa’.

“Huwa car li ma kien hemm ebda habi f’dan il-kaz, anzi mill-provi jirrizulta li l-attur kien dejjem jikkonsidra l-minuri bhala tieghu u dejjem kien jahseb li hekk kien il-kaz. Kien maz-zmien illi issuspetta li t-tifel ma kienx tieghu u ghalhekk saru t-testijiet illi kkonfermaw is-suspetti tieghu. Ghalhekk apparti dak li ser jintqal iktar ‘il quddiem, tqum il-kwistjoni jekk ragel li jkun mizzewweg u jigi mqarraq b’dan il-mod ghandux jigi mwaqqaf milli jiftah il-kawza ta’ *denegata paternita* ghax ikunu ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija. Dan japplika hafna iktar illum il-gurnata meta t-testijiet xjentifici jaccertaw lill-kulhadd mill-verita`.

“Huwa minghajr dubbju li fil-passat il-*mens legis* ta’ perjodu daqshekk qasir biex tinfetah din il-kawza kien il-fatt li s-socjeta` in generali u wisq iktar l-individwu koncernat ghandu jkun cert mill-i*status* tieghu u min huma l-genituri tieghu. Ghalhekk impona fuq kulhadd zmien qasir biex wara t-trapass tieghu ma jkun jista’ jiccaqlaq xejn. Dan kien jaghmel hafna sens meta kawzi simili kienu jigu decizi a bazi ta’ provi konsistenti f’xhieda li kienu jindikaw lill-Qorti x’kienu qed jaghmlu l-partijiet fiz-zmien li giet konceputa t-tarbija biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha bl-istess mod li tasal ghaliha f’kawzi ohra. Kieku allura l-ligi kienet tippermetti l-kawza tigi intavolata snin wara, dawn it-tip ta’ kawzi kienu jwasslu ghal kaos f’certi familji.

“Dan japplika llum ukoll sa certu punt, izda llum il-Qorti tista’ tibbenifika mill-prova xjentifika li ma ghandha ebda appell. Allura wiehed jistaqsi *huwa gust anke ghall minuri li jkun registrat bhala iben xi hadd li mhux missieru meta l-verita’ hija stabbilita xjentifikament*?

“Ma hemmx dubbju li jekk il-ligi u senjatament l-Artikolu 73(c) jigi applikat strettament il-kawza tal-attur ma tistax tirnexxi jekk mhux fuq principju legali importanti u cioe` *fraus omnia corrumpit.* L-attur f’dan il-kaz gie ngannat mill-agir ta’ martu u qatt ma seta’ jiftah il-kawza qabel kellu ghall-inqas is-suspett jekk mhux ic-certezza illi t-tifel ma kienx tieghu. Huwa minnu li l-perjodu ndikat mis-sub-artikoli msemmija huma perentorji izda l-Qorti ma ghandhiex tippermetti persuna ngannata tibqa’ issofri l-konsegwenzi mhux b’tort taghha. Dan qed jinghad bl-ikbar rispett lejn is-sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fiz-zmien meta t-testijiet xjentifici ta’ llum ma kinux disponibbli. Dak iz-zmien ma kienx possibbli li jkun hemm certezza xjentifika u allura il-Qrati kellhom joqoghdu strettament fuq il-kliem tal-ligi biex jaccertaw stat ta’ legittimita` lit-tarbija anke meta l-provi kienu jindikaw mod iehor – ara per ezempju s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Antonio Borg vs Mary Borg proprio et nomine deciza fit-28 ta’ April, 1965 meta l-Qorti cahdet it-talba ta’ l-attur meta l-provi kienu jindikaw xort’ ohra.  Illum pero` meta l-Qorti hija ffacjata bi prova rassikuranti, specjalment f’kaz bhal dak odjern fejn l-attur gie ngannat, thoss li tkun qed taghalq mhux ghajn wahda izda tnejn jekk thalli dan l-istat jippersisti.

“Fuq kollox proprju ftit granet ilu l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem ippronunzjat sentenza fil-konfront ta’ Malta fil-kawza fl-ismijiet Maurice Mizzi vs Malta (numru ta’ l-applikazzjoni 26111/2) fejn appuntu gie attakkat l-ostakolu tal-perjodu ta’ dekadenza ta’ sitt xhur fil-konfront tal-missier. Il-Qorti Ewropeja kkonkludiet illi dan l-ostakolu jikser l-Artikolu 6 (li jitkellem dwar dritt ghall access ghall-Qorti), 8 (dritt dwar it-tgwadija tal-hajja familjari u privata) u 14 (li jikkumplimenta artikoli ohra tal-Konvenzjoni) tal-Konvenzjoni Ewropeja illi hija ukoll parti mil-ligijiet taghna.

“Fir-rigward ta’ l-Artikolu 6 il-Qorti qalet;

*““The Court is of the opinion that in the present case the practical impossibility of denying paternity form the date of Y ‘s birth until to-day has imparied the essence of the applicant’s right to a court. Therefore the interference complained of has put an excessive burden in the applicant, thus failing to strike a fair balance between the latter’s legitimate intrerest of having a judicial ruling over his presumed paternity and the protection of legal certianty and of the interests of the other persons involved in the case*.”

“L-istess ghar-rigward ta’ l-Artikolu 8,

*““the Court considers that the fact that the applicant was never allowed to disclaim paternity was not proportionate to the legitimate aims pursued. It follows that a fair balance has not been struck between the general interest of the proection of legal certainty of family relationships and the applicant’s right to have the legal presumption of his paternity reviewed in the light of the biological evidence. Therefore despite the margin of apprecation afforded to them, the domestic authorities have failed to secure to the applicant the respect fot his private life, to which he is entitled under the convention.”*

“Kwantu mbaghad ghall-Artikolu 14, il-Qorti kkonkludiet illi:

*““The rigid application of the time limit coupled with the Constitutional Court’s refusal to allow an exception had deprived him of the excercise of the rights guaranteed by articles 6 and 8 of the convention, which were and still are, on the contrary, enjoyed by other interested parties.”*

“Il-Qorti ghalhekk dehrilha illi billi persuni ohra nteressati jistghu jifthu l-kawza ta’ denegata paternita` minghajr terminu ta’ zmien, l-applikant sofra diskriminazzjoni ngusta:

*““Under these circumstances the Court cannot conclude that the difference in treatment complained of was proportionate to the aims sought to be achieved.”*

“Din il-Qorti naturalment ma tistax tiddeciedi din il-kawza minghajr ma tiehu konjizzjoni ta’ din is-sentenza li tirrigwardja l-ordinament guridiku taghna. Ghalhekk thoss li ghandha tiddecidiha a bazi ta’ din is-sentenza nonostante dak li jghid l-Artikolu 73(c).

“Fir-rigward ta’ l-eccezzjoni l-ohra u cioe’ il-hames wahda, dwar il-pubblikazzjoni skond l-Artikolu 254 tal-Kodici Civili dan l-artikolu jirreferi ghall-korrezzjonijiet li jsir skond l-Artikolu 253 u ghalhekk mhux applikabbli ghal kaz bhal dak odjern.”

**<u>L-appell</u>**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku b’rikors presentat fis-16 ta’ Frar 2006. L-aggravji tiegħu huwa essenzjalment is-segwenti:

1. illi l-azzjoni ttentata mill-attur appellat hija wahda ta’ *denegata paternita*` u hija regolata fl-Artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. It-terminu stipulat fl-Artikolu 73 tal-Kap 16 huwa wiehed ta’ dekadenza u mhux preskrizzjoni u ghaldaqstant ma jistax jigi la interrott u lanqas sorvolat;

2. illi biex azzjoni ta’ *denegata paternita*` tirnexxi jehtieg illi jkunu prezenti l-elementi kollha rikjesti mil-ligi u tali azzjoni m’ghandhiex tigi determinata a bazi ta’ testijiet xjentifici u l-ammissjoni ta’ parti a skapitu tat-terminu ta’ dekadenza stipulat fil-ligi li gie introdott mil-legislatur biex jissalvagwardja l-interessi tal-minuri;

3. Illi d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Maurice Mizzi v. Malta** (applikazzjoni numru 26111/2) ma tapplikax ghall-kaz odjern stante li l-artikoli tal-ligi li kienu in vigore dak iz-zmien kienu differenti u fil-fatt il-ligi giet emendata fis-sena 1993. Il-Qorti Ewropea kkonkludiet li l-applikant Mizzi fiz-zmien li

intavola l-proceduri gudizzjarji kif kienet ifformulata l-ligi dak iz-zmien gie michud minn dritt ta' azzjoni.

L-appellati Raphael sive Rudolph Azzopardi u Graziella Azzopardi irribattew dawn l-aggravji b'risposta kongunta. Mill-atti ma jirrizultax li l-kuraturi nominati mill-ewwel Qorti sabiex jirraprezentaw lill-minuri gew notifikati bir-rikors ta' l-appell, ghalkemm gew notifikati bl-avviz tas-smiegh tal-kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Mill-atti lanqas jirrizulta li l-kuraturi ipprezentaw risposta ta' l-appell, ghalkemm il-kuratur l-Avukat Dottor Anthony Cutajar attenda ghall-udjenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Ottubru 2006, fejn saret it-trattazzjoni ta' l-appell u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu, u ghalhekk ghandu jitqies li rrinunzja ghal kull eccezzjoni u terminu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Issa, qabel ma jigi kkunsidrat l-ewwel aggravju tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tajjeb li wiehed ifakkar illi: *"... l-Kodici Civili taghna jikkontempla tliet xorta ta' azzjonijiet fuq il-filjazzjoni naturali: wahda hija dik ta' denegata paternita`, li l-ligi taghti biss lir-ragel ta' omm it-tifel, u fil-kaz kontemplat fl-art. 87* (illum 74) *testendiha lill-werrieta tieghu (art. 84, 85, 86 u 87); it-tieni hi dik ta' impunjazzjoni tal-legittimita` tat-tifel kontemplata fl-art. 89 u 90* (illum 76 u 77) *li hi moghtija b'mod generali lil kull min ikollu interess; u t-tielet hija dik ta' tfittxija u reklam ta' paternita` kontemplata fis-subtitolu II tat-Titolu II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici, li hi moghtija biss lit-tifel u estiza lill-werrieta u dixxendenti tieghu fil-kaz biss kontemplat flartikolu 98* (illum 85).*"* (**Antonio Scerri Gauci v. Dottor Giovanni Scicluna LL.D. noe et** Qorti ta' l-Appell 14 ta' Jannar 1952, Vol. XXXVI .i.1; ara wkoll **Carmen Zammit et v. Wail Dadouch** Qorti ta' l-Appell 19 ta' April 2005, **Raymond Magro et v. Rita Magro et** Qorti ta' l-Appell 13 ta' Gunju 2005). Ghalkemm, fic-citazzjoni, l-attur ma jispecifikax taht liema artikoli tal-ligi huwa qieghed jibbaza t-talbiet tieghu, huwa ovvju li bhala r-ragel ta' l-omm, il-Kodici Civili taghna, jaghtih biss l-azzjoni ta' denegata paternita` taht l-Artikolu 70 sabiex jottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li hu mhux il-missier naturali tal-wild tal-martu.

Din l-azzjoni ta’ denegata paternita` hija regolata bl-Artikolu 70 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

“*Fil-kazijiet illi r-ragel jista’ jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f’dak iz-zmien kien jinsab f’Malta*;
*(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura f’Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*
*(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi*”

Fil-kaz odjern, l-appellant qieghed jirritjeni bazikament bl-ewwel aggravju tieghu, li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ma kienetx korretta meta konsapevolment issorvolat t-terminu ta’ dekadenza ta’ sitt xhur impost bl-imsemmi Artikolu 73 u ddecidiet din il-kawza a bazi tas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet “Maurice Mizzi v. Malta”, moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Bit-tielet aggravju tieghu, l-appellat sostna inoltre, li din is-sentenza ma tapplikax ghal kaz odjern ghaliex id-disposizzjonijiet tal-ligi, li kienu in vigore dak iz-zmien, kienu differenti.

L-appellati Azzopardi ikkontestaw dawn l-aggravji fir-risposta kongunta ta’ l-appell taghhom billi sostnew illi t-terminu ta’ dekadenza stabbilit fl-imsemmi Artikolu 73, in kwantu huwa pre-rekwizit procedurali sabiex jinghata access ghall-Qorti, jikkkonfliggi ma diversi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (“Il-Konvenzjoni”). Dawn l-appellati fissru li l-imsemmi terminu ta’ dekadenza:

(a) imur kontra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghaliex jikkostitwixxi interferenza sproporzjonata u ingustifikata ghall-access ghall-Qrati ta’ Malta da parti tar-ragel ta’ omm it-tarbija;
(b) imur kontra l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghaliex jikkrea prezunzjoni legali insuperabbli wara li jghaddi l-imsemmi terminu li, in kwantu l-istess prezunzjoni legali tipprevali fuq ic-certezza biologika, ma hijiex kompatibbli

ma' l-obbligazzjoni ta' l-iStat li ghandu jassikura t-tharis effettiv tal-hajja privata u tal-familja;
(c) imur ukoll kontra l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghaliex jissoggetta lill-appellat Raphael sive Rudolph Azzopardi ghal trattament diskriminatorju lampanti, in kwantu individwi ohrajn fl-istess sitwazzjoni analoga, inkluz il-minuri, omm il-minuri u l-missier biologiku, mhumiex soggetti ghal terminu ta' dekadenza simili.

Ma hemm l-ebda dubju li r-risposta kongunta ta' l-appellati Azzopardi tqajjem kwistjoni dwar il-ksur tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti jidhrilha li t-tqanqil ta' tali kwistjoni ma hijiex semplicement frivola jew vessatorja. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 hija obbligata li tibghat l-istess kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, liema Qorti ghandha gurisdizzjoni originali li tinvestiga u tiddeciedi l-istess kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi,

Tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tibghat l-atti lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex hija tiddeciedi l-imsemmija kwistjoni (li qed tigi wkoll rimessa ilha) dwar l-allegat konflitt bejn l-Artikolu 73 tal-Kodici Civili (Kap 16) u l-imsemmija Artikoli 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni.

Tirriserva li tkompli tiehu konjizzjoni tal-kaz odjern wara li l-istess kwistjoni tkun giet finalment deciza.

Tirriserva l-kap ta' l-ispejjez ghal gudizzju finali.

L-appell jibqa' ghalhekk differit sine die pendenti l-ezitu finali ta' din ir-referenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------